MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Mejju, 2012

Numru. 455/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Carmela Rocco**

**Illum, 1 ta' Mejju, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Carmela Rocco ta' 73 sena, bint Gaetano u Maria xebba Timpanaro, imwielda f'Catania, nhar it-2 ta' Awissu, 1938 u residenti temporanjament gewwa Vivaldi Hotel, Room numru 1567, San Giljan u detentrici tal-karta ta' l-identita Taljana bin-numru AR 1115036.

Akkuzata talli nhar it-30 ta’ April, 2012 fis-2:00pm gewwa ‘Dragunara Casino’, sitwat fi Triq Dragunara, San Giljan, ikkommettiet serq, ikkwalifikat bil-valur, ta’ flus kontanti (€950) ghad-dannu ta’ Anthony Tabone u dan bi ksur ta’l-artikolu 216(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat il-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, l-kooperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri tal-proceduri u l-fedina penali taghha li hija netta kif ukoll il-fatt li l-imputata rritornat il-flus misruqa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------